**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kump. Nru: 34/2021**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent James Grech, Spettur Anthony Scerri)**

**vs**

**Gianluca Caruana Curran**
**(ID 49983(M))**

**u**

**Charles Joseph Mercieca**
**(ID 258300(L))**

**Illum: 27 ta' Ġunju, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-imputati:

**Gianluca Caruana Curran** ta' 38 sena, iben Joseph Caruana Curran u Giovanna xebba De Marco, imwieled Catania ġewwa Sqallija, l-Italja nhar l-24 ta' Ġunju 1982 u residenti 15, L'Orangerie, Triq Mile End, Ħamun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 49983(M); kif ukoll lil

**Charles Joseph Mercieca** ta' 26 sena, iben Franco Mercieca u Patricia xebba Scerri, imwieled Portsmouth, l-Ingilterra fl-24 ta' April 1994 u residenti Ta' Horace, Triq Ta' Semper, Qala, Għawdex, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 258300(L);

Akkużati talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Novembru 2020 u/jew fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, ittantaw li jħajru lil Ivan Martin, ġurnalist impjegat mal-kumpanija 'Allied Newspapers Limited', sabiex jagħmel delitt, u ċioe` li bħala ġurnalist in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom Ivan Martin ma kellux jedd.

Rat illi dan il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta bis-saħħa ta' digriet ta' assenjazzjoni tat-2 ta' Frar 2021[1];

Rat id-delega tal-Avukat Ġenerali lill-Kummissarju tal-Pulizija bis-saħħa tas-sub-regolament (3) tar-regolament 2 tar-Regolamenti tal-2020 dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji) (Avviż Legali 378 tal-2020) tal-funzjonijiet kollha tal-istess Avukat Ġenerali msemmija fis-sub-regolament (1) tar-regolament 2 tal-istess Avviż Legali u s-setgħa li jistitwixxi u jmexxi l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif ukoll bħala Qorti Istruttorja u dan fil-konfront ta' Gianluca Caruana Curran[2] u ta' Charles Joseph Mercieca[3];

Rat illi waqt l-eżami tagħhom skont il-liġi, l-imputati wieġbu li m'humiex ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom[4];

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu ddeċidiet illi kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputati Gianluca Caruana Curran u Charles Joseph Mercieca jitqiegħdu taħt att ta' akkuża u għalhekk bagħtithom biex joqogħdu taħt dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti[5];

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2021, li permezz tagħha indika illi tista' tinstab ħtija fl-imputati taħt dak maħsub:

a. fl-artikoli 115, 119, 121 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 42, 43, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;[6]

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021, l-imputati ddikjaraw illi ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja u dan wara li nqrat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2021[7];

---

[1] Ara a fol. 1 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 10 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 19 u 20 tal-proċess.
[5] Ara d-digriet a fol. 294 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara a fol. 367 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 371 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-Prosekuzzjoni u mid-difiża rispettivament fit-termini lilhom mogħtija, u semgħet it-trattazzjoni finali ulterjuri tad-difiża;

Rat illi l-kawża tinsab differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidat:**

Illi l-fatti fil-qosor, u li l-Qorti tqis li huma suffiċjenti għall-finijiet tal-kunsiderazzjonijiet li jsegwu, huma s-segwenti:

Illi fiż-żmien li għalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna, l-imputati, fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, kienu jippratroċinaw lil Yorgen Fenech.

Illi fl-istess żmien Ivan Martin kien impjegat mal-kumpanija Allied Newspapers Limited bħala ġurnalist.

Illi Ivan Martin u Charles Joseph Mercieca ltaqgħu nhar it-2 ta' Novembru 2020 fl-uffiċju legali ta' l-imputati, għal-liema laqgħa kien preżenti wkoll l-imputat Gianluca Caruana Curran, li f'xi ħin offra xi flus lil Ivan Martin.

Illi l-għada 3 ta' Novembru 2020, fuq l-*online portal* ta' *Times of Malta* ġie ppubblikat artiklu intitolat '*Yorgen Fenech lawyer offers cash to journalist*', li fih ġie allegat illi wieħed mill-avukat difensuri ta' Yorgen Fenech ossia l-avukat Dr. Gianluca Caruana Curran kien offra bejn żewġ karti u erba' karti ta' ħames mitt ewro (€500) fi flus kontanti lill-ġurnalist Ivan Martin waqt il-laqgħa fuq imsemmija. Fl-istess artiklu dehret ukoll ir-risposta mibgħuta mill-imputat Gianluca Caruana Curran għal din l-allegazzjoni.

Illi kien hawnhekk illi l-Pulizija bdiet bl-investigazzjoni tagħha fil-konfront tal-imputati odjerni, liema investigazzjoni wasslet għall-proċeduri odjerni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jeħtieġ illi din il-Qorti tqis punt preliminari li ġie sollevat u indirizzat mid-difiża b'mod dettaljat kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, kif ukoll fit-trattazzjoni finali. Id-difiża ssostni illi l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju u li fuqhom, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, tista' tinstab ħtija fl-imputati ma jirriflettux il-fatti allegati fil-konfront tagħhom u illi għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom.

Illi l-Qorti tosserva li l-kwistjoni sollevata mid-difiża hija waħda ben fondata u illi tistħoqq l-kunsiderazzjonijiet li jsegwu.

Illi bis-saħħa taċ-ċitazzjoni odjerna, il-Prosekuzzjoni akkużat lill-imputati talli ttantaw li jħajru lil Ivan Martin, ġurnalist impjegat ma' Allied Newspapers Limited, sabiex iwettaq id-delitt ta' korruzzjoni. Mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-2 ta' Novembru 2020, waqt laqgħa li seħħet fl-uffiċju tal-imputati, l-imputat Gianluca Caruana Curran offra xi flus lil Ivan Martin, liema flus dan ta' l-aħħar ma aċċettahomx. Għalhekk ir-reat illi l-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputati huwa t-tentattiv tal-<u>korruzzjoni attiva</u> fil-privat.

Il-Qorti tosserva illi l-Prosekuzzjoni m'għamlet referenza għall-ebda artikolu tal-liġi fiċ-ċitazzjoni odjerna. Huwa evidenti madankollu illi l-istess ċitazzjoni, tagħmel użu mid-diċitura tal-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, miżjud magħha l-kliem tal-Artikolu 115 tal-istess Kodiċi u dan b'referenza għall-ġurnalist impjegat mal-kumpanija Allied Newspapers Limited u għalhekk għas-settur privat fit-termini tal-Artikolu 121 tal-istess Kodiċi. Fi ftit kliem, bis-saħħa tal-istess ċitazzjoni l-imputati qed jiġu akkużati talli ttantaw iħajru lil Ivan Martin iwettaq id-delitt ta' korruzzjoni fil-privat.

Il-Qorti hawnhekk tqis illi jkun opportun li tagħmel parentesi żgħira, u dan sabiex tosserva illi jirriżulta mill-provi prodotti illi Ivan Martin irrifjuta kwalsiasi flus li ġew offerti lilu, u illi m'huwiex qed jiġi akkużat b'xi delitt fir-rigward. Ġialdarba la qed jiġi allegat u wisq inqas jirriżulta illi r-reat ta' korruzzjoni da parti ta' Ivan Martin seħħ jew ġie kkunsmat, u dan stante illi jirriżulta illi Ivan Martin ma aċċettax il-flus offerti lilu, ma tistax tissussisti l-kompliċita` da parti tal-istess imputati fit-termini tal-Artikolu 120(1) tal-Kodiċi Kriminali, u għaldaqstant l-imputati jistgħu jiġu akkużati biss talli wettqu t-tentattiv tar-reat ta' korruzzjoni, liema tentattiv il-liġi tikkontemplah fl-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan is-sub-artikolu tal-Artikolu 120 tal-imsemmi Kodiċi jaqra hekk:

> "Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin"

Għal kull buon fini qed jiġi wkoll osservat illi rrispettivament mill-fatt illi jirriżulta illi l-imputat Gianluca Caruana Curran f'xi ħin offra xi flus lil Ivan Martin, id-difiża tiċħad illi dan l-aġir jikkostitwixxi reat.

Il-Qorti tosserva wkoll illi minkejja li ċ-ċitazzjoni ġiet redatta b'tali mod li jidher li tabbraċċja l-allegati fatti li bihom il-Prosekuzzjoni qegħda takkuża lill-imputati,

l-Avukat Ġenerali għażel li wara l-għeluq tal-istruttorja jindika bħala l-artikoli relevanti għar-riżultanzi tal-kumpilazzjoni u li a bażi tagħhom tista' tinstab ħtija fl-imputati l-Artikoli 115, 119 u 121 tal-Kodiċi Kriminali, oltre illi indika wkoll l-Artikoli 42, 43 u 533 tal-istess Kodiċi. Dan ifisser illi l-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe` r-reat li permezz tiegħu wieħed iħajjar lil ħaddieħor iwettaq id-delitt ta' korruzzjoni ossia r-reat li bih ġew akkużati l-imputati permezz taċ-ċitazzjoni odjerna, imkien ma jidher fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, u dan minkejja li, kif tajjeb osservat id-difiża, fid-digriet tagħha dwar il-*prima facie*, din il-Qorti qieset illi permezz taċ-ċitazzjoni odjerna, l-imputati kienu qegħdin jiġu akkużati bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, kif abbinat mal-Artikolu 121 tal-istess Kodiċi (li jirreferi għall-Artikolu 115).

Għal kull buon fini hawnhekk qed jiġi rilevat illi filwaqt li l-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu ossia l-korruzzjoni passiva, u filwaqt ukoll illi l-Artikolu 121 jirrendi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 115 applikabbli wkoll għas-settur privat, l-Artikolu 119 jitratta l-piena tal-interdizzjoni f'każ ta' ħtija. L-Artikoli 42 u 43 tal-Kodiċi Kriminali jikkontemplaw ir-regoli ġenerali tal-kompliċita`, li kif ingħad iżjed 'il fuq ċertament illi m'humiex applikabbli fil-każ odjern. L-Artikolu 533 imbagħad jikkontempla l-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-każ ta' sejbien ta' ħtija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi peress illi jidher illi l-binarju li bih ipproċediet il-Prosekuzzjoni fil-fażi tal-istruttorja mhuwiex l-istess binarju li bih għażel li għandu jipproċedi l-Avukat Ġenerali fil-fażi deċiżorja, jeħtieġ illi din il-Qorti tikkunsidra dak li fil-kompetenza tagħha bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, hija għandha s-setgħa li tikkunsidra u tiddeċiedi dwaru f'dan l-istadju tal-proċeduri.

Il-Qrati trattaw dan il-punt ta' dritt proċedurali diversi drabi. Fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grech et**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk f'dan ir-rigward:

> "Issa x'inhi ir-*ratio legis* wara n-nota ta' rinviju ghal gudizzju, li hija ekwiparata mal-att ta'l-akkuza? L-Avukat Generali, wara li lilu jkunu gew mibghuta mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali l-atti tal-kumpilazzjoni maghmula kontra l-imputat, jista' jibghat lura lil dik il-qorti dawk l-atti din id-darba biex issa hija tiddeciedi fuq il-htija o meno tieghu **u dan skont ir-reati hemmhekk addebitati lill-istess imputat**. Dan ifisser illi minn dan il-mument l-

> Qorti tal-Magistrati tiġi adita mill-Avukat Generali bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali u mhux iktar bhala Qorti Istruttorja. Ma huwiex qieghed iktar isejjah lill-Qorti, l-Avukat Generali, sabiex tikkompila l-provi biss, sabiex tigbor l-evidenza bil-ghan illi din tigi ippreservata ai fini tal-hrug ta' l-att ta' l-akkuza. Issa bin-nota ta' rinviju ghal gudizzju il-Qorti qed tigi imsejjha tasal ghal gudizzju finali fuq il-kaz pprezentat quddiemha. Mill-mument allura illi l-Qorti tal-Magistrati tircevi in-nota ta' rinviju ghal gudizzju u cioe' dik illi ghandha l-istess rwol ta' l-att ta' l-akkuza, minn dak il-mument il-funzjoni tal-qorti hija wahda differenti – mhux izjed dik kumpilatorja, izda issa dik decizjorja. **Il-funzjoni tar-rinviju ghal gudizzju huwa semplicement illi ifassal it-termini li fuqhom il-Qorti tal-Magistrati issa ghandha tiddeciedi l-kawza** u dan meta l-Avukat Generali jiddecidi li ma jqieghedx lill-imputat taht att tal-akkuza, u ghalhekk jibghat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Magistrati **biex tiddecidi l-kawza hija stess skond it-termini tar-rinviju**. [enfasi ta' din il-Qorti]

Dik il-Qorti żiedet tgħid ukoll:

> "Illi ghalhekk "fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu in konnessjoni ma' l-atti tal-kumpilazzjoni l-Avukat Generali ghandu poteri diskrezzjonali importanti u f'certi kazi u f'certu sens jagixxi f'vesti ta' gudikant ...(*omissis*) ... L-Avukat Generali ghandu mhux biss id-dover li jara li l-atti tal-kumpilazzjoni, li fuqhom necessarjament l-Att ta' l-Akkuza jrid ikun ibbazat, ikunu istruwiti tajjeb, izda l-legislatur ipprovdilu mezzi u poteri indiskutibbilment idoneji biex fi zmien ragonevoli u minghajr pregudizzju indebitu ta' l-akkuzat, ikun jista' jespleta dan l-inkarigu li tafdalu l-istess ligi."[8] ...(*omissis*) ... imbaghad l-Avukat Generali jekk jidhirlu illi mill-provi migbura fl-Istruttorja jirrizulta reat li jaqgha fil-kompetenza estiza tal-qorti inferjuri, allura jadixxi lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali u dan fit-termini ta' l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali b'rinviju, <u>indirizzat lil dik il-Qorti</u>, li fih huwa jispjega t-termini li bihom l-Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza u dan meta jindika mhux biss ir-reati li dwarhom tista' tinstab htija fil-konfront ta' l-imputat, izda ukoll jekk il-Qorti ghandhiex tisma' xi xhieda ohra qabel ma tghaddi ghad-decizjoni taghha."

Dwar dan fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Michael Carter</u>** tas-7 ta' Diċembru 2001 ingħad hekk:

> "Meta, (invece,) ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti

[8] Hawnhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Farrugia</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ottubru 1962.

> Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat."

Minn dawn is-sentenzi, huwa evidenti għalhekk illi l-artikoli tal-liġi fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali magħmul ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali, huma dawk li dwarhom il-Qorti, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, trid tiddeċiedi, apparti wkoll illi fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali ma jistax iżid reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni.

Illi kif diġa` ingħad iżjed 'il fuq, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali dehrlu illi tista' tinstab ħtija fl-imputati odjerni dwar ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 115, kif abbinat mal-Artikolu 121 tal-Kodiċi Kriminali u dan meta l-kumpilazzjoni tmexxiet b'rabta mar-reat ipotiżżat fl-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, kif abbinat mal-imsemmi Artikolu 121. Dan jidher ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet iffirmata mill-Ispettur Anthony Scerri għall-Prosekuzzjoni, li fiha ssir referenza għall-Artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali, anke jekk fil-fehma tal-Qorti u mill-kontenut ta' l-istess nota jirriżulta li l-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva sabet ruħha f'diffikultajiet b' kawża ta' l-artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali, fejn ma ġiex indikat proprju l-Artikolu 120(2) tal-istess Kodiċi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tikkunsidra in oltre illi filwaqt illi jirriżulta illi kemm l-imputazzjoni orġinali ravviżata għall-fini tal-proċeduri odjerni quddiem il-Qorti Istruttorja, kif ukoll l-artikoli tal-liġi ndikati fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali jaqgħu lkoll taħt is-Sub-Titolu IV, tat-Titolu II tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u jirrigwardaw il-korruzzjoni, huwa evidenti illi r-reat ipotizzat fl-artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali mhuwiex ir-reat li dwaru saret il-kumpilazzjoni.

L-Artikoli 115 u 121 tal-Kodiċi Kriminali jipotiżżaw ir-reat ta' **korruzzjoni passiva**, inkluż fis-settur privat, u ċioe` dak ir-reat li jitwettaq minn min jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta'

xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom dik il-persuna ma jkollhiex jedd.

Illi l-kumpilazzjoni li twettqet fil-fażi ta' l-Istruttorja kienet dwar ir-reat ta' **tentattiv ta' korruzzjoni** ossia **l-korruzzjoni attiva** jew l-egħmil ta' min jikkorrompi jew f'dan il-każ ta' min jipprova jikkorrompi, kif regolata fl-Artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali u dan meta skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni, allegatament l-imputati ittantaw iħajru lil Ivan Martin iwettaq id-delitt ta' korruzzjoni passiva bl-aċċettazzjoni ta' riġal, wegħda jew offerta li għalihom Ivan Martin ma kellux jedd, liema offerta l-istess Martin m'aċċettahiex. Il-kumpilazzjoni tmexxiet fuq iċ-ċitazzjoni li biha l-imputati tressqu quddiem il-Qorti u li fl-ewwel fażi tagħha wasslet għad-digriet dwar il-*prima facie* mogħti nhar it-3 ta' Marzu 2021. Il-provi ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni sabiex issostni r-reat li jitratta l-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, li kif ittenni d-difiża huwa r-reat *ad hoc* tat-tentattiv tal-korruzzjoni attiva u mhux il-kompliċita` fir-reat tal-korruzzjoni passiva. Huwa ċar kif diġa` ingħad iżjed 'il fuq u kif tajjeb tissottometti d-difiża, illi l-Prosekuzzjoni qatt ma kellha l-intendiment li tixli lil Ivan Martin bir-reat tal-korruzzjoni passiva, tant illi kienet il-Prosekuzzjoni stess li ddikjarat li ma kemm hemm ebda xkiel sabiex l-istess Ivan Martin jixhed f'dawn il-proċeduri u dan in kwantu ma kienu ser jittieħdu l-ebda proċeduri fil-konfront tiegħu b'rabta ma' l-akkadut in diżamina.

Fis-sentenza tad-29 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Cassar**, il-Qorti kienet sabet lill-imputat ħati ta' kompliċita` tar-reat ta' korruzzjoni stante illi rriżulta illi l-persuna li wettqet ir-reat ta' korruzzjoni passiva kienet irċeviet flus mingħand l-imputat, bir-riżultat illi r-reat kien ġie kkunsmat. Hekk irriteniet il-Qorti f'dak il-każ:

> "kemm l-artikolu 121(1) kif ukoll is-sub-inciz 3 ta' l-istess artikolu li jitkellmu dar il-passive bribery fis-settur privat jaghmel referenza specifika ghall-artikolu 115 u ghalhekk il-persuna li tikkorompi lil dana l-impjegat fis-settur privat ghandu jitqies bhala komplici ai termini ta' l-artikolu 120(1) kif del resto jinghad fl-Evaluation Report tal-GET hawn fuq indikat."

Huwa tajjeb li jiġi rilevat għall-finijiet ta' kompletezza illi r-reat da parti ta' l-aġent passiv jitwettaq mhux biss meta huwa jaċċetta dak li jkun ġie lilu mwiegħed, iżda wkoll fejn jiġi pruvat 'l hekk imsejjaħ *pactum sceleris* bejn il-partijiet. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ray Ferris et** tas-17 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li għamlet referenza għas-segwenti bran mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Camilleri et:**

> “Il-korruzzjoni li dwarha qeghdin nitkellmu hi, skond id-duttrina prevalenti, karatterizzata minn ftehim volontarju bejn l-ufficjal (jew impjegat) pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (li, kif inghad, hija kkunsidrata fil-ligi taghna bhala komplici) permezz ta’ liema ftehim jitwieled veru u proprju *pactum sceleris*.”

irriteniet kif isegwi:

> “Illi din is-silta tixhet dawl fuq zewg elementi essenzjali sabiex tigi stabbilita ir-reita’ taht din id-disposizzjoni tal-ligi. L-ewwel wahda illi il-weghda jew ghoti ta’ rigal trid issir in konnessjoni ma’ “*un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio*” u fit-tieni lok irid jezisti dak il-“*pactum sceleris*” bejn il-persuna li tikkorrompi u l-ufficjal pubbliku.”

Ġialadarba ebda reat ta’ korruzzjoni passiva ma ġie kkunsmat, huwa nkonċepibbli li l-imputati jistgħu jitqiesu bħala kompliċi tal-istess reat. Kif tajjeb tgħid id-difiża, kienet propju din ir-raġuni għaliex il-leġislatur ried li jikkastiga lil min, bil-ħsieb li jwettaq ir-reat ta’ korruzzjoni attiva, jagħti bidu għat-twettiq tar-reat, il-konsumazzjoni ta’ liema tiġi frustrata bin-nuqqas tal-parti l-oħra li twettaq ir-reat korrelatat ta’ korruzzjoni passiva. Hija din ukoll ir-raġuni għaliex dan l-għemil, konsistenti fit-tentattiv tar-reat, huwa trattat bħala reat *ad hoc*.

**Ikkunsidrat:**

Illi din m’hijiex l-ewwel okkażjoni fi fiha l-Qrati esprimew ruħhom dwar ir-reati ta’ korruzzjoni, inkluż il-korruzzjoni fis-settur privat. Il-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jimmy (John Mary) Chircop** deċiżi minn din il-Qorti kif diversament preseduta bis-sentenza tagħha ta’ nhar id-19 ta’ Settembru 2012[9], jixbħu lil dawk odjerni fl-aspett proċedurali tagħhom, b’tali mod illi ftit hija l-ħtieġa li din il-Qorti tagħmel kunsiderazzjonijiet fit-tul fir-rigward. Għall-istess raġuni, il-Qorti ma tqisx li jkun barra minn loku li għall-finijiet ta’ kompletezza tiġi riprodotta *verbatim* dik il-parti tas-sentenza li din il-Qorti tqis li hija ta’ relevanza partikolari għall-każ odjern:

> “Illi minn qari tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’ l-Avukat Generali jirrizulta finalment illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tal-korruzzjoni fis-settur privat a tenur ta’ l-artikolu 121(1) abbinat ma’ l-artikolu 115(b) tal-Kapitolu 9. Illi dana l-artikolu tal-ligi mal-promulgazzjoni tieghu fis-seklu dsatax kien jitkellem dwar il-korruzzjoni tal-gurati, izda mal-introduzzjoni tal-emendi fl-1974 dina id-disposizzjoni tal-ligi giet kompletament sostitwita sabiex inkludiet ukoll “kull korp imwaqqaf b’ligi li jkollu personalita guridika distinta”

[9] Ara wkoll il-kunsiderazzjonijiet kważi identiċi magħmula mill-istess Qorti fis-sentenza tad-29 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Cassar**.

jew kull persuna impjegata ma' dak il-korp" sabiex b'hekk il-ligi setghet tkopri ukoll il-korruzzjoni fil-kumpaniji parastatali li bdew jitwaqqfu f'dak iz-zmien. Izda kien hemm riforma shiha ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi bl-implementazzjoni f'Malta tal-*European Criminal Law Convention on Corruption* u dana permezz ta' l-Att III ta' l-2002. Permezz ta' dana l-Att, kien hemm l-introduzzjoni tal-korruzzjoni fis-settur privat u dana kif stabbilit fl-imsemmija Konvenzjoni. Illi fl-artikolu 7 taghha, l-Konvenzjoni titkellem dwar **"Active bribery in the private sector"** u tiddisponi testwalment:

***"Each Party shall adopt such legislative and other measures as may be necessary to establish as criminal offences under its domestic law, when committed intentionally in the course of business activity, the promising, offering or giving, directly or indirectly, of any undue advantage to any persons who direct or work for, in any capacity, private sector entities, for themselves or for anyone else, for them to act, or refrain from acting, in breach of their duties".***

Imbaghad fl-artikolu 8 l-istess Konvenzjoni titkellem dwar **"Passive bribery in the private sector"**:

***"Each Party shall adopt such legislative and other measures as may be necessary to establish as criminal offences under its domestic law, when committed intentionally, in the course of business activity, the request or receipt, directly or indirectly, by any persons who direct or work for, in any 7 ETS No.173 capacity, private sector entities, of any undue advantage or the promise thereof for themselves or for anyone else, or the acceptance of an offer or a promise of such an advantage, to act or refrain from acting in breach of their duties."***

Dawn iz-zewg artikoli ghalhekk jestendu r-responsabbilta' kriminali ghal korruzzjoni fis-settur privat ukoll. Illi ghalhekk l-emendi ghall-artikolu 121 tal-Kodici gew imfassla biex jinkludu fost affarijiet ohra dana it-tip ta' korruzzjoni. Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina l-mod kif dawn iz-zewg disposizzjonijiet ta' dina l-Konvenzjoni gew implimentati o meno fil-ligi taghna. Illi l-Group of States against Corruption tal-Unjoni Erwopeja, jew kif inhi ahjar maghrufa bhala GRECO ghamlet diversi studji dwar jekk dina l-Konvenzjoni gietx implimentata fil-ligi penali taghna. Illi fl-Evaluation report on Malta on Incrimination – Strasbourg 8 October 2009 (www.coe.int) inghad is-segwenti mill-GET (GRECO Evaluation Team):

***"Active and passive bribery in the private sector are criminal offences under Maltese law. Article 121(3) CC, which renders the provisions relating to passive bribery of domestic public officials***

*contained in Article 115 CC applicable also to passive bribery in the private sector under certain conditions, reads: "The provisions of this sub-title in relation to an officer or person referred to in article 112 or a public officer or servant referred to in article 115 shall also apply to and in relation to any employee or other person when directing or working in any capacity for or on behalf of a natural or legal person operating in the private sector who knowingly, in the course of his business activities, directly or through an intermediary and in breach of his duties, conducts himself in any manner provided for in those articles:*

*Provided that for the purposes of this subarticle the expression "breach of duty" includes any disloyal behaviour constituting a breach of a statutory duty, or, as the case may be, a breach of professional regulations or instructions, which apply within the business in question."*

*Active bribery in the private sector is covered by the provisions contained in Article 120(1) CC, which makes reference to the provisions concerning active bribery applicable to the private sector according to the following: "In the cases referred to in articles 115, 116, 117 and 118 […] or the person to whom any of the said articles applies in accordance with any provision under this Code or under any other law, as the case may be, shall be deemed to be an accomplice".*

*Elements/concepts of the offence:*

*"Persons who direct or work for, in any capacity, private sector entities .*

*The wording "…any employee or other person when directing or working in any capacity for or on behalf of a natural or legal person operating in the private sector…" are expressly provided in Article 121 (3) CC.*

*"In the course of business activity"; "…in breach of duties"*

*Both these elements are components of this offence: "In the course of business activity" is explicitly provided for in Article 121 (3) CC. The expression "breach of duty" is contained in the same Article and is furthermore explained in the second paragraph of Article 121(3) to include any disloyal behaviour constituting a breach of a statutory duty, or, as the case may be, a breach of professional regulations or instructions, which apply within the business in question. Moreover, Maltese law extends the scope of private sector*

***bribery by also including persons working for other natural persons, i.e. the offence is not limited to corporate entities (such as companies).***

***Other elements:***
***All other elements/concepts, including the penal sanctions, described under bribery of domestic public officials (above) are equally applicable in respect of this offence. Furthermore, Article 121D CC stipulates that where a person is found guilty of an offence relating to, inter alia, private sector bribery and such a person is the director, manager, secretary or other principal officer of a body corporate or has the power to represent, take decisions or bind the body corporate, and the offence was committed for the benefit of that same body corporate, then such a person is deemed to be vested with the legal representation of that body corporate and is thus liable to an extensive fine (multa) of between EUR 1,165 and 1,164,687 approx.***

***The authorities informed the GET that there were no statistics or specific case law available in respect of this offence***."

Illi minghajr l-icken dubbju l-akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat fil-kaz in dizamina jikkoncerna 'l hekk imsejjah "active bribery" kif sancit fil-Konvenzjoni. Illi l-Evaluation Report tal-GRECO kif indikat iktar 'il fuq iqies illi dina it-tip ta' korruzzjoni hija inkorporata fl-artikolu 120(1) tal-Kodici penali taghna li jirrendi bhala komplici l-persuni imsemmija fl-artikolu 121(1) u (3). Illi l-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar il-komplici u cioe' l-artikolu 120(1) gie fil-fatt emendat permezz ta' l-Att III ta'l-2004 sabiex jinkludi fih is-segwenti frazi:

"**jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija** (u cioe' b'referenza ghall-artikoli 115, 116, 117 u 118), skond kull disposizzjoni ta' dan il-Kodici jew taht kull ligi ohra."

Dina il-frazi ghalhekk introdotta fl-2004 tirrendi komplici il-persuna li tikkorrompi … xi persuna li dwarha japplika l-artikolu 115 fost ohrajn. Illi ghalhekk kemm l-artikolu 121(1) kif ukoll is-sub-inciz 3 ta' l-istess artikolu li jitkellmu dwar il-*passive bribery* fis-settur privat jaghmel referenza specifika ghall-artikolu 115 u ghalhekk il-persuna li tikkorompi lil dana l-impjegat fis-settur privat ghandu jitqies bhala komplici ai termini ta' l-artikolu 120(1) kif del resto jinghad fl-Evaluation Report tal-GET hawn fuq indikat.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk jirrizulta illi l-elementi legali li isawru ir-reat ta' *active bribery* fis-settur privat u cioe' tal-persuna tal-komplici fir-reat tal-korruzzjoni huma is-segwenti:

1. Ir-reat irid ikun imwettaq b'mod intenzjonali fil-kors ta' attivita kummercjali.
2. Irid ikun hemm il-weghda, l-offerta jew l-ghotja, sew direttament kif ukoll indirettament ta' kwalunkwe tip ta' vantagg.
3. lil persuni indikati fl-artikoli 121(1) u 121(3). Illi l-emendi introdotti permezz ta' l-artikolu 28 tal-Att III ta' l-2002 ziedu il-kliem "jew xi korp iehor li jkollu personalita guridika distinta" fl-artikoli 121(1), kif ukoll gie introdott s-sub-inciz 3 ta' l-istess artikolu. Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi l-iskop ta' dina l-emenda kienet li tinkludi l-korruzzjoni fis-settur privat permezz ta' l-artikolu 121(1) li jitratta fost ohrajn dwar l-persuna li jkolha l-funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-amministrazzjoni ta' korp li ghandu personalita guridika distinta u cioe' kwalunkwe socjeta kummercjali, filwaqt li l-artikolu 121(3) imbaghad hija iktar wiesgha u tinkludi kull impjegat jew persuna ohra meta dawn ikunu qed imexxu jew ihadmu f'xi kapacita' ghal jew f'isem xi persuna naturali jew guridika li tkun qed tahdem fis-settur privat.
4. sabiex dik il-persuna taghmel jew tonqos milli tghamel xi haga <u>u dana bi ksur tad-dmirijiet taghha</u>. Illi kif inghad fir-rapport iktar 'il fuq indikat dana jinkludi kwalsiasi ksur tad-dmir tal-lejalta' lejn il-principal u ghalhekk l-element tal-habi fl-accettazzjoni tar-rigal jew offerta minghajr ma tinkiseb minn qabel l-awtorizazzjoni tal-principal hija ukoll inkluza f'dana l-element.

Illi maghdud dana kollu jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-fattispecje ta' dana l-kaz jinkwadraw ruhhom taht ir-reat ta' l-hekk imsejjah *active bribery*. Illi fir-rekwizit numru c. tan-nota ta' rinviju tal-gudizzju jidher illi l-Avukat Generali qieghed jindika biss l-artikolu 121 (*passive bribery*) u mhux ukoll l-artikolu 120 tal-Kodici Kriminali li jinkwadra l-persuna tal-komplici u cioe' f'dana il-kaz l-persuna ta' l-imputat. Billi ghalhekk n-nota ta' rinviju titkellem biss fuq il-persuna li tigi soggetta ghal korruzzjoni u cioe' titkellem dwar 'l hekk imsejjah *passive bribery* kwindi dana id-dispost tal-ligi ma japplikax ghall-imputat. **<u>Ghaldaqstant billi l-artikolu rilevanti tal-ligi ma ġiex indikat mill-Avukat Generali, l-Qorti hija prekluza milli tapplika dana id-dispost tal-ligi fid-decizjoni taghha u kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza</u>**." [enfasi ta' din il-Qorti].

Illi l-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et</u>** deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar id-29 ta'Settembru 2016, fejn l-artikoli in diżamina ġew imfissra hekk:

"l-Artikolu 115(1)(a) jikkontempla l-korruzzjoni ta' ufficjal jew impiegat pubbliku li n-konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor rigal, weghda ta' rigal,

utili jew vantagg iehor li ghalihom ma jkollux dritt; l-Artikolu 120(1) titratta l-persuna li tkun ikkorrompiet l-ufficjal pubbliku (inter alia taht l-artikolu 115) u tqiesu bhala komplici; l-Artikolu 121(1) jitratta l-korruzzjoni ta' persuna li tkun moghtija jew ikollha funzjonijiet ma' korp li ghandu personalita' guridika distinta b'daqstant li hi inkluza persuna naturali jew guridika li tkun qed tahdem fis-settur privat."

Illi f'dan il-każ ukoll, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali għażel li jindika l-artikoli relattivi għall-korruzzjoni passiva fil-privat u ma indikax l-artikoli relattivi għall-korruzzjoni attiva jew it-tentattiv tiegħu, ossia l-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tapplika din id-disposizzjoni tal-liġi, bir-riżultat illi għandha tillibera lill-imputati mill-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom.

Fl-aħħarnett din il-Qorti tqis illi ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni in kwantu tittenta takkampa ma' dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter** ċitata iżjed 'il fuq, u dan għaliex oltre dak li ngħad diġa` fir-rigward tal-kompliċita`, ma tqisx illi l-għemil tal-imputati jista' b'xi mod jitqies bħala tentattiv fit-twettiq tar-reat ta' korruzzjoni passiva, għaliex kif tajjeb tissottometti d-difiża, ma huwa qed jiġi addebitat l-ebda reat ta' din ix-xorta; reat dan tal-aħħar li fil-kwadru tal-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti seta' jitwettaq biss minn Ivan Martin.

Illi dwar il-bqija tal-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, il-Qorti diġa` għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq.

Illi finalment minkejja illi l-partijiet, u b'mod partikolari d-difiża, trattaw mhux biss l-aspetti proċedurali iżda wkoll il-mertu tal-każ odjern, din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi ma tqisx li huwa meħtieġ li tagħmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri oltre dawk diġa` magħmula.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputati **Gianluca Caruana Curran** u **Charles Joseph Mercieca** mhux ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u qegħda tilliberahom minnha.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat